**Dawl mid-Dalmazja**

Tnikkitt bil-bosta hekk kif sirt naf
Li m'għadekx aktar fostna w magħna,
Emminni jekk ngħidlek li dmugħi
Ma waqafx barka tagħna.

Niftakarha sewwa t-tbissimietek
Hekk għaqlija u kollha sabar,
Fiha stajt nara l-fidi tiegħek
Li għalija kienet bħal ħatar.

Ix-xhieda ħelwa minn għemilek
Kellem wisq lil qalbi mingħajr kliem,
Il-preżenza tiegħek kajmana
Kemm ġabitilna paċi u sliem.

U b'liema arti l-Mulej żejnek
Dik li tagħraf tisma' lil batut,
Qalbek dehret f'ħarstek ħanina
X'faraġ kienet għal min qed imut.

Mhux għan-nifs tal-pulmun li jgħaddi
Imma tal-imħabba dejjiema,
U int, bħal anġlu kont iddawwal
L'dik ir-ruħ li kienet tgħodd jiemha.

Hemm bqajt mara tal-għaġeb titlob
Ġarrejt waħdek dak l-eħrex salib,
Il-fidi tiegħek kemm stednitek
Biex tingħaqad ma' Kristu t-tabib.

U dan li għamilt o qalbniena
Bint kuraġġuża mill-Kroazja,
Jilqgħek fis-sema Leopoldu
Ħuk ħabbek, dawl mid-Dalmazja.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.